<u>Aċċettabbli:</u> Mercedes 220 ta' nofs is-snin sittin b'erba' ċilindri (*4-cylinder*) mgħammra b'magna ta' Mercedes ta' nofs is-snin sittin b'sitt ċilindri (6-cylinder).

<u>Mhux aċċettabbli:</u> L-istess karozza msemmija hawn fuq, mgħammra b'magna Mercedes *turbo-diesel* ta' ħames ċilindri (5-cylinder) mill-1980s.

*Eżemplu M3*
<u>Aċċettabbli:</u> Land Rover tas-sittin li oriġinarjament kienet mgħammra b'magna petrol Rover ta' 2286cc, iżda issa hija mgħammra b'magna diesel Rover ta' 2286cc.

<u>Mhux aċċettabbli:</u> L-istess vettura msemmija hawn fuq, li oriġinarjament kienet mgħammra b'magna Rover ta' 2286cc, issa hija mgħammra b'magna Rover aktar riċenti ta' 2495cc, li qatt ma kienet installata mill-fabbrika.

*Eżempju M4*
Mhux aċċettabbli: Ford Anglia mgħammra b'magna Escort jiġifieri *cross-flow* minflok *down-flow*.

*Eżempju M5*
Mhux aċċettabbli: Ford jew Morris minn tal-bidu li oriġinarjament kienet mgħammra b'magna *side-valve*, iżda issa hija mgħammra b'magna aktar riċenti *pushrod*.

### 3.5. Roti

Ir-roti għandhom ikunu oriġinali jew jirriflettu l-perjodu in kwistjoni fid-dehra, fid-daqs u fil-wisa'. *Spoke wheels* tal-perjodu huma wkoll permessi.



Ir-roti ta' dan il-Ford Escort jirriflettu l-perjodu.

*Eżempju R1*
Aċċettabbli: Mini tas-snin 1960 mgħammra b'roti *Wolfrace* tal-perjodu.

*Eżempju R2*
Mhux Aċċettabbli: Ford Escort Mk1 mgħammra 17" *Alloys* jew *low-profile tyres* moderni.

### 3.6. Riproduzzjonijiet, Repliki u Vetturi b'Karozzerija Mibdula (Re-Bodied)

RIPRODUZZJONI jew REPLIKI huma kopja ta' vettura storika mibnija minn min jirriproduċiha, bl-użu ta' partijiet skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-perjodu, u tirriproduċi mudell speċifiku. Dan għandu jkun irrimmarkat b'mod ċar biex jindika li huwa "RIPRODUZZJONI" jew "REPLIKI". Vetturi storiċi ta' dan it-tip jiġu msejħa b'isem kombinat tal-manifattur oriġinali u dak li rriproduċihom, kif ukoll il-mudell minn fejn ġiet rriprodotta l-vettura (Eżempju: *Smith Bugatti Type 35*).

Ir-RIPRODUZZJONI tinkludi wkoll vetturi li ġew prodotti jew jimitaw vetturi li jidhru fil-films, serje tat-TV, dokumentarji, eċċ (irreferi għall-eżempji R8 sa R10). Madankollu, il-vettura lest għandha finalment tirrispetta l-perjodu ta' manifattura u l-vettura oriġinali minn fejn ġiet ispirata.

VETTURA B'KAROZZERIJA MIBDULA (*RE-BODIED*) hija waħda li fiha x-*chassis* u l-partijiet mekkaniċi (*running gear*) ġew miżmuma, li ġiet mgħammra, pereżempu, bi *special lightweight body* primarjament għal skopijiet ta' tlielaq tal-perjodu. Dawn il-vetturi speċjali għandhom iżommu d-dehra u l-ħarsa tal-perjodu in kwistjoni. L-istess metodi ta' fabbrikazzjoni għandhom jintużaw (eż. *hand-beaten* jew *English-wheeled body panels*).

Riproduzzjonijiet, repliki u vetturi b'karozzerija mibdula (*re-bodied*) għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq kif ukoll ma dak stipulat fil-**klawsola 3.1**.

**Importanti: F'każijiet bħal dawn, l-applikazzjoni trid tindika b'mod ċar li l-vettura hija Riproduzzjoni jew Replika. Barra minn hekk, għalkemm iċ-ċertifikazzjoni mill-kumitat tfisser li l-vettura kisbet l-istatus ta' *vintage*, dan ma jfissirx li l-vettura hija mudell ġenwin prodott mill-fabbrika. Il-kumitat ma jistax jinżamm responsabbli jekk xi vettura ċċertifikata, pereżempju bħala Mini Cooper S, tirriżulta li hija riproduzzjoni ta' mudell komuni jew standard.**

*Eżempju R1*
Aċċettabbli: Ford Escort Mk1 ta' 1100cc konvertit biex jidher eżattament bħal RS1600.

*Eżempju R2*
Aċċettabbli: Mini 1000 standard magħmul biex jidher bħal Mini Cooper S.

*Eżempju R3*
Aċċettabbli: Ford Sierra standard konvertit f'Ford Sierra Cosworth.

*Eżempju R4*
Aċċettabbli: Riproduzzjoni ta' Jaguar E-Type jew AC Cobra mibnija minn min jirriproduċiha billi juża magni standard, *space-frames*, *chassis* u/jew partijiet mekkaniċi oħra (*running gear*).

*Eżempju R5*
Mhux Aċċettabbli: Riproduzzjoni ta' Jaguar E-Type jew AC Cobra magħmula bl-użu ta' *non-standard space-frames* jew inkella *non-original chassis* u/jew partijiet mekkaniċi (*running gear)* li mhumiex oriġinali.

*Eżempju R6*
Aċċettabbli: Triumph Saloon tas-snin 1930 magħmula f'*racer 2-seat* stijl tas-snin 1930 bl-użu tal-magna tal-fabbrika (standard jew modifikat), *chassis* u/jew partijiet mekkaniċi (*running gear*). Mgħammar b'*aluminium body* mibni bl-idejn. Jintużaw fanali, arloġġi, rota tal-i*steering*, *seats*, eċċ. ġenwini tal-perjodu.

*Eżempju R7*
Mhux aċċettabbli: Triumph Saloon tas-snin 1930 magħmul f'racer 2-seat stijl tas-snin 1930 bl-użu tal-magna tal-fabbrika (standard jew modifikat), chassis u/jew partijiet mekkaniċi (*running gear*), iżda intuża *glass-fibre body moder*. Intuża komponenti mhux tal-perjod.

*Eżempju R8*
Aċċettabbli: Riproduzzjoni ta' Mini Cooper mill-film tal-1969 *The Italian Job*. F'dan il-każ, kemm il-film kif ukoll il-vettura huma kontemporanji u jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-età ta' dawn il-linji gwida.

*Eżempju R9*
Aċċettabbli: Riproduzzjoni ta' *General Lee*, id-Dodge Charger tal-1969 mis-serje televiżiva *Dukes of Hazzard*. F'dan il-każ, kemm is-serje kif ukoll il-vettura huma kważi kontemporanji u jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-età ta' dawn il-linji gwida.

*Eżempju R10*
<u>Mhux aċċettabbli:</u> Ford Mustang tas-snin 1960 jew 1970 modifikat biex jidher bħal-vettura *Eleanor* fil-film tal-2000 *Gone in Sixty Seconds*. F'dan il-każ, il-vettura fil-film hija kompletament *customised* u qatt ma eżistiet fil-perjodu meta l-vettura oriġinali ġiet manifatturata u għalhekk mhijiex aċċettabbli.

### 3.7. Muturi

Ir-regoli ta' hawn fuq japplikaw ukoll għall-muturi. Madankollu, *café racers* bħan-Norvins, Tribsas, eċċ., huma permessi. Muturi modifikati, imqattgħin u *bobbed* mhumiex aċċettabbli. Għal darb'oħra, l-ispirtu ġenerali tal-perjodu in kwistjoni għandu jinżamm, u għandhom jintużaw komponenti tal-perjodu fuq vetturi tal-istess perjodu.

*Eżempju M1*
<u>Aċċettabbli:</u> Triumph tas-snin 1960 mgħammra b'magna BSA tas-snin 1960 li toħloq Tribsa.

*Eżempju M2*
<u>Aċċettabbli:</u> Norton tas-snin 1970 mgħammra b'magna ta' mutur Honda tas-snin 1970.

*Eżempju M3*
<u>Mhux aċċettabbli:</u> BSA tas-snin 1960 mgħammra b'magna Yamaha tas-snin 1990.

## 4. Kategorija Speċjali għal vetturi klassiċi Maltin ta' valur kulturali jew storiku ta' qabel l-1976

Sabiex jiġu ppreservati vetturi *vintage* meqjusa bħala tradizzjonali "Maltin" li kienu parti mill-istorja soċjo-kulturali ta' Malta, jistgħu jiġu aċċettati ċerti eċċezzjonijiet limitati u speċifiċi mir-rekwiżiti tekniċi msemmija hawn fuq.

Għalhekk, minkejja l-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija hawn fuq, il-vetturi li ġejjin li għandhom sinifikat lokali: bħall-karozzi tal-linja Maltin, vetturi tal-bejjiegħa tal-Pitrolju, trakkijiet tal-ġebel, u vetturi kummerċjali oħra, jistgħu jiġu ċċertifikati b'magni mhux oriġinali iżda tal-perjodu, soġġetti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

### 4.1. Magni

- Magni mmanifatturati wara l-1975 mhumiex aċċettabbli.
- Jekk il-vettura tal-applikant kienet disponibbli b'magna diesel mgħammra mill-manifattur jew approvata minn parti terza, imbagħad din il-marka, mudell u tip biss huma permessi.
- Il-kundizzjonijiet msemmija hawn fuq ma japplikawx għal vetturi militari. Dawn għandhom ikunu mgħammra bl-istess tip ta' magni oriġinali tagħhom.

### 4.2. Bodies, Żebgħa u Finituri

- Il-karozzi tal-linja għandhom ikollhom il-*coachwork* mibnija f'Malta.
- Il-karozzi tal-linja jridu jkunu miżbugħa biss b'kuluri tradizzjonali tar-rotot tal-karozzi tal-linja lokali, jew "privates".
- Il-vetturi tal-bejjiegħa tal-pitrolju jridu jkunu bil-kuluri u finitura tradizzjonali tal-perjodu, inkluż, iżda mhux limitat għal, it-tank tal-pitrolju ċelesti.

- Trakkijiet tal-ġebel għandhom ikunu miżbugħa bil-kuluri tradizzjonali Maltin normalment, iżda mhux dejjem, b'kabina ħamra, *mudguards* suwed, u kaxxa ħadra.
- Vetturi kummerċjali għandhom ikollhom kulur u disinn tradizzjonali Maltija.
- Tberfil tradizzjonali Malti u reklam jew ismijiet huma permessi sakemm jirriflettu disinni tal-perjodu u jiġu magħmula b'metodi tradizzjonali. Tberfil modern jew ta' stil mhux tal-perjodu, *stickers, badges*, numri tat-telefon jew tal-mowbajl, siti elettronici, dettalji diġitali, u temi simili mhumiex permessi.
- Reklami promozzjonali tradizzjonali tal-perjodu huma permessi biss jekk ikunu miktuba b'idejn u mhux bi *stickers*, u jekk ir-reklam u/jew il-*logos* in kwistjoni mhumiex moderni u/jew mhux ta' dak il-perjodu.

### 4.3. Kundizzjonijiet Oħra

Il-vetturi f'din il-kategorija speċjali għandhom ikunu ġew irreġistrati u liċenzjati f'Malta qabel l-1976. Il-vetturi importati reċentement ma jistgħux jibbenefikaw minn din il-kunċessjoni.

Jekk xi vetturi ċertifikati f'din il-kategorija, li kienu oriġinarjament vetturi militari, jiġu konvertiti lura għall-ispeċifikazzjonijiet militari, japplikaw ir-regolamenti normali dwar il-magni u l-oriġinalità, u ma jiġu aċċettati l-ebda magni li mhumiex oriġinali.

Il-kundizzjoni tal-vetturi speċjali msemmija hawn fuq trid tkun skont l-istess standards stretti tal-żebgħa, fuq ġewwa, kompartiment tal-magna, tapezzerija, eċċ., kif deskritt f'partijiet oħra ta' dawn il-Linji Gwida.

**Applikanti għal din il-kategorija speċjali li hija maħsuba biex tippreserva l-istorja tat-trasport f'Malta, huma mfakkra li vetturi ċertifikati hekk ma jistgħux jintużaw għall-kiri jew kumpens.**

## 5. Vetturi Użati Impurtati biex jiġu rreġistrati f'Malta

### 5.1. Definizzjoni

Vettura użata importata minn barra tfisser vettura li għadha ma ġietx irreġistrata f'Malta, iżda li kienet diġà rreġistrata f'pajjiż ieħor.

### 5.2. Spezzjoni qabel iċ-ċertifikazzjoni

Importaturi, negozjanti awtorizzati ta' vetturi bil-mutur jew sidien ta' vetturi li jdaħħlu jew jimpurtaw vetturi li għandhom mill-inqas tletin (30) sena minn id-data tal-manifattura tagħhom jistgħu jagħżlu li japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni *vintage* ta' dawn il-vetturi. F'dawn il-każijiet, il-vettura trid tiġi spezzjonata mill-kumitat għall-klassifikazzjoni tal-vetturi *vintage* maħtur mill-Awtorità qabel ma tiġi ċċertifikata bħala vettura *vintage*.

### 5.3. Valur tar-Reġistrazzjoni (VR)

Il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* maħtur minn Transport Malta għandu jiddetermina l-valur ta' reġistrazzjoni ta' tali vettura għall-fini tal-kalkolu tat-taxxa ta' reġistrazzjoni pagabbli fuq dik il-vettura.

Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe tali vettura għall-fini tal-kalkolu tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-valur medju fis-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, madanakollu l-valur tar-reġistrazzjoni ma għandux fi kwalunkwe każ ikun inqas mill-valur tal-fattura.

Iżda, il-valur ta' reġistrazzjoni ta' karavan bil-mutur jew ta' *motor home* m'għandux, f'kull każ, ikun inqas minn għoxrin elf ewro (€20,000).

### 5.4. Rati tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni

#### 5.4.1. Vetturi bil-mutur għal użu privat li jkollhom 30 sena jew aktar iżda inqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura:

| **Kapaċita' tal-magna** | **Rata** |
|---|---|
| Mhux aktar minn 1000cc | 25.5% |
| Aktar minn 1000cc iżda ta' mhux aktar minn 1300cc | 25.5% |
| Aktar minn 1300cc iżda ta' mhux aktar minn 1500cc | 26.5% |
| Aktar minn 1500cc iżda ta' mhux aktar minn 1800cc | 30% |
| Aktar minn 1800cc iżda ta' mhux aktar minn 2000cc | 32.5% |
| Aktar minn 2001cc | 37.5% |

#### 5.4.2. Muturi (motorcycles) għal użu privat li jkollhom 30 sena jew aktar iżda inqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura:

| **Kapaċita' tal-magna** | **Rata** |
|---|---|
| Mhux aktar minn 250cc | 0% |
| Minn 251cc u aktar | 21% |

#### 5.4.3. Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr tal-merkanzija għall-użu privat li jkollhom 30 sena jew aktar iżda inqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura:

| **Piż Gross tal-Vettura** | **Rata** |
|---|---|
| Mhux aktar minn 3,500kg | 28.5% |
| Minn 3,501kg u aktar | 28.5% |

#### 5.4.4. Karavans bil-mutur jew *motor homes* għall-użu privat li jkollhom 30 sena jew aktar iżda inqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura:

| **Karavans bil-mutur jew ta' *motor homes*** | **Rata** |
|---|---|
| Il-valur ta' reġistrazzjoni m'għandux, f'kull każ, ikun inqas minn għoxrin elf ewro (€20,000). | 50% |

#### 5.4.5. Vetturi bil-mutur għall-użu privat li jkollhom 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura:

Tali vetturi huma eżentati mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni meta jkunu rreġistrati għall-ewwel darba f'Malta.

#### 5.4.6. Ħlasijiet

- <u>Vetturi mpurtati minn **pajjiżi terzi**</u>

Ma' l-importazzjoni, l-importatur negozjanti awtorizzati jew sid ta' vetturi bil-mutur li jimporta vettura minn **pajjiż terz** huwa obbligat li jħallas lill- Awtorità **it-taxxa sħiħa tar-reġistrazzjoni** applikabbli għall-vettura importata. Dan ir-rekwiżit japplika għal kull vettura li għandha tletin (30) sena jew aktar, inklużi vetturi ta' ħamsin (50) sena jew aktar.:

Iżda, mal-klassifikazzjoni mill-kumitat għall-klassifikazzjoni tal-vetturi *vintage* tal-vettura msemmija bħala vettura *vintage* awtentika, l-importatur, in-negozjant awtorizzat ta' vetturi bil-mutur jew sid għandu jkun intitolat għal rifużjoni mill-Awtorità li tikkorrispondi għad-differenza bejn it-taxxa ta' reġistrazzjoni mħallsa u t-taxxa ta' reġistrazzjoni li għandha titħallas għall-imsemmija vettura bħala *vintage* awtentika.

It-taxxa minima ta' reġistrazzjoni m'għandhiex tapplika għal vetturi li għandhom aktar minn tletin (30) sena u aktar fiż-żmien tal-importazzjoni u li se jiġu sottomessi għal ċertifikazzjoni vintage.

<u>**Nota:**</u>
Rifużjoni mill-Awtorità li tirrappreżenta d-differenza bejn it-taxxa ta' reġistrazzjoni mħallsa u t-taxxa ta' reġistrazzjoni li għandha tiġi mħallsa tiġi mogħtija biss jekk il-vettura tkun iċċertifikata bħala kompletament rrestawrata mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni tal-Vetturi *Vintage*.

Jekk il-vettura tkun ikklassifikata bħala mhux restawrata, ma tistax tiġi liċenzjata għall-użu fit-triq u trid tiġi ggaraxxjata uffiċjalment. F'każijiet bħal dawn, ir-rifużjoni ma tiġix mogħtija waqt ir-reġistrazzjoni. Din tingħata biss lura wara riċertifikazzjoni u konferma mill-Kumitat li l-vettura ġiet kompletament irrestawrata.

Jekk is-sid jagħżel li jilliċenzjail-vettura għall-użu fit-triq mingħajr ma jikseb riċertifikazzjoni, huwa jkollu jħallas it-taxxa minima ta' reġistrazzjoni, jew it-taxxa ta' reġistrazzjoni ibbażata fuq il-valutazzjoni pprovduta mil-Awtorità, skont liema tkun l-ogħla.

- <u>Vetturi importati minn pajjiżi tal-UE</u>

Importatur, negozjanti awtorizzati ta' vetturi bil-mutur jew sid li jimporta vettura minn pajjiż tal-UE għandhom, fil-mument tar-reġistrazzjoni, l-obbligu li jħallsu lill-Awtorità t-taxxa tar-reġistrazzjoni bbażata fuq il-valur tar-reġistrazzjoni kif stabbilit mill-kumitat għall-klassifikazzjoni tal-vetturi *vintage*.

#### 5.4.7. Ċertifikat ta' *Single Vehicle Approval*

Vetturi impurtati minn pajjiżi terzi għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat ta' *Single Vehicle Approval* jew minn ċertifikat validu maħruġ minn entità akkreditat għall-ċertifikazzjoni ta' vetturi vintage.

## 6. Formoli tal-applikazzjoni, dokumenti oħra u drittijiet amministrattivi applikabbli

Il-formola/i tal-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti meħtieġa u l-ħlasijiet għandhom jiġu depożitati jew mibgħuta bil-posta lid-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art, A3 Towers, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid.

### 6.1. Vetturi bil-mutur li diġà huma rreġistrati f'Malta (Applikanti għall-ewwel darba):

- Applikazzjoni VEH15;
- Applikazzjni VEH54;
- Tmien (8) ritratti, kull wieħed b'daqs minimu ta' 13 x 18 cm (5 x 7 pulzieri), meħuda barra fid-dawl tax-xemx u żviluppati fuq karta fotografika;
- Ħlas ta' dritt amministrattiva ta' €250 (dritt tal-applikazzjoni).

**NOTI:**

- Tingħata rifużjoni ta' €200 wara l-approvazzjoni tal-vettura bħala vettura *vintage* awtentika.
- Mill-1 ta' Settembru 2025, il-vetturi kollha għandhom jiġu spezzjonati fiżikament mill-kumitat għall-klassifikazzjoni tal-vetturi *vintage* qabel ma tingħata ċ-ċertifikazzjoni.
- Wara l-klassifikazzjoni tal-vettura bħala vettura *vintage* awtentika, l-Awtorità tirrifondi €200 lill-applikant. Madankollu, jekk il-vettura ma tiġix approvata bħala vettura *vintage* awtentika, id-dritt amministrattiva ta' €250 ma jkunx rifondibbli.

### 6.2. Riċertifikazzjoni ta' vetturi ċċertifikati *vintage* (kull ħames (5) snin)

- Applikazzjoni VEH15B;
- Tmien (8) ritratti, kull wieħed b'daqs minimu ta' 13 x 18 cm (5 x 7 pulzieri), meħuda barra fid-dawl tax-xemx u żviluppati fuq karta fotografika;
- Ħlas ta' dritt amministrattiva ta' €25 (dritt tal-applikazzjoni).

**NOTE:**

- Mill-1 ta' Settembru 2025, il-vetturi kollha għandhom jiġu spezzjonati fiżikament mill-kumitat għall-klassifikazzjoni tal-vetturi *vintage* qabel ma tingħata ċ-ċertifikazzjoni.
- Iddritt amministrattiva ta' €25 ma jkunx rifondibbli.

Vetturi li huma ċċertifikati bħala vintage u għandhom ħamsin (50) sena jew iktar ser ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' riċertifikazzjoni. Din tapplika bil-kundizzjoni li jiġi ppreżentat lill-Awtorità ċertifikat validu minn entità akkreditata għall-ċertifikazzjoni ta' vetturi *vintage*. Madankollu, il-formola ta' applikazzjoni VEH15B, flimkien mad-dokumenti elenkati fis-Sezzjoni E, xorta waħda għandhom jiġu sottomessi minkejja l-preżentazzjoni ta' tali ċertifikat.

### 6.3. Vetturi bil-mutur li ġew importati imma għadhom ma ġewx irreġistrati f'Malta:

- Applikazzjoni VEH15;
- Applikazzjoni VEH05 meta vettura tigi mpurtata minn pajjiż terz;
- Vetturi importati minn pajjiżi terzi għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat ta' *Single Vehicle Approval* jew minn ċertifikat validu maħruġ minn entità akkreditat għall-ċertifikazzjoni ta' vetturi *vintage*.
- Tmien (8) ritratti, kull wieħed b'daqs minimu ta' 13 x 18 cm (5 x 7 pulzieri), meħuda barra fid-dawl tax-xemx u żviluppati fuq karta fotografika;
- Iċ-ċertifikat oriġinali tar-reġistrazzjoni tal-vettura, jew ċertifikat tal-esportazzjoni u, fejn hemm bżonn, traduzzjoni bl-Ingliż jew bil-Malti tiegħu, maħruġ mil-awtorità kompetenti tal-pajjiż minn fejn il-vettura tkun ġiet reġistrata u importata jew tkun inġiebet f'Malta;

- Dokument li jafferma d-data tal-ewwel wasla tal-vettura f'Malta, flimkien mal-irċevuta fiskali, li jkollha l-istess data, maħruġa skont l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li turi n-numru tar-reġistrazzjoni barrani tal-vettura, li t-tnejn li huma għandhom jinħarġu mill-organizzazzjoni ta' merkanzija bil-baħar li tkun ittrasportat il-vettura lejn Malta;
- Fattura maħruġa mill-bejjiegħ lix-xerrej li tinkludi l-vettura jew il-vetturi pprovduti u li tispeċifika s-somma ta' flus dovuta jew imħallsa kif ukoll in-numru tax-*chassis* tal-vettura jew il-vetturi msemmija;
- Drittijiet amministrattivi dovuti lil-Awtorità għat-Trasport f'Malta:
    - €50 dritt tal-applikazzjoni; u
    - €55 dritt tal-ispezzjoni.

### 6.4. Dritt Amministrattiv Annwali

Il-vetturi kollha ċċertifikati bħala *vintage* huma eżentati mill-ħlas annwali tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni, madankollu, mat-tiġdid tal-liċenzja tat-triq tal-vettura għandu jitħallas id-dritt amministrattiv ta' €8.00.

Minkejja dan t'hawn fuq, f'każ li mat-tiġdid tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħha, wara li tkun għamlet test sabiex jiġi ċertifikat li l-vettura hija tajba għat-triq, jirriżulta illi vettura *vintage* tkun għamlet tlett elef kilometru (3,000km) jew iżjed fuq l-odometru tagħha f'sena (1) waħda minn meta tkun ġiet imġedda l-aħħar il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħha, jew medja ta' tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fis-sena fir-rigward ta' dawk il-vetturi li jsirilhom it-test biex jiġu ċertifikati tajba għat-triq darba kull sentejn, b'żieda mad-dritt amministrattiv ta' €8, is-sid ta' tali vettura għandu jkun obbligat ukoll li jħallas id-dritt tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni għal dik is-sena jew snin li matulhom dik l-vettura tkun irreġistrat tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fuq l-odometru tagħha f'sena (1) waħda jew medja ta' tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fis-sena fir-rigward ta' dawk il-vetturi li jsirilhom it-test biex jiġu ċertifikati tajba għat-triq darba kull sentejn. Iżda minkejja dan, tali vettura ma għandhiex titlef l-istatus tagħha bħala vettura *vintage* u għandha tibqa' soġġetta biss għall-ħlas tad-dritt amministrattiv ta' €8 sakemm, mat-tiġdid tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni, ma jirriżultax illi s-sid tagħha għandu jkun obbligat ukoll li jħallas id-dritt tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni kif b'riżultat tal-fatt li tali vettura *vintage* tkun għamlet tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed f'sena (1) waħda jew medja ta' tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fis-sena fil-każ ta' vettura li jsirilha t-test biex tiġi ċertifikata tajba għat-triq darba kull sentejn (2).

Vetturi bil-mutur li jkollhom ħamsin (50) sena jew aktar u muturi li jkunu ġew klassifikati bħala *vintage* mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* għandhom jibqgħu jkunu eżentati mill-ħlas ta' dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni u għandhom ikunu soġġetti biss għall-ħlas tad-dritt amministrattiv ta' €8 irrispettivament minn kull konsiderazzjoni ta' kilometraġġ.

### 6.5. Ritratti

Ir-ritratti li għandhom jiġu sottomessi mal-applikazzjoni, u li ma jiġux ritornati, iridu jkunu żviluppati fuq karta fotografika, reċenti, bil-kulur, ta' kwalità tajba, meħuda *eye level* u meħuda barra fid-dawl tax-xemx.

Għandhom jiġu sottomessi tmien (8) ritratti, kull wieħed b'daqs minimu ta' 13 x 18 cm (5 x 7 pulzieri), żviluppati fuq karta fotografika, li juru fuq quddiem u fuq wara tal-vettura, il-magna, il-kompartiment kollu tal-magna, iż-żewġ naħat tal-vettura, u żewġ ritratti ta' ġewwa tal-vettura (wieħed li juri d-dashboard u l-ieħor is-seat). Madankollu, għall-muturi (motorcycles) għandhom jiġu sottomessi biss

erba' (4) ritratti, jiġifieri: quddiem, wara, u iż-żewġ naħat. Ir-ritratti li juru quddiem u wara tal-vettura għandhom jinkludu n-numru tar-reġistrazzjoni. Dan ma japplikax meta l-vettura tkun iggaraxxjata.

## 7. Pjanċi ta' reġistrazzjoni tal-vetturi

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vettura ċċertifikata bħala *vintage* għandhom ikollhom karattri f'kulur *silver* fuq materjal iswed, b'tali mod li l-karattri b'kulur *silver* ikunu dejjem fuq sfond iswed. Id-dritt tal-ħlas għas-sostituzzjoni ta' pjanċi ta' vettura *vintage* tkun ta' €35.00 għal kull pjanċa. Jekk il-kategorija tal-vettura, għal xi raġuni, tinbidel għal waħda mhux *vintage*, japplika d-dritt normali għall-pjanċi.

## 8. Noti Importanti

### 8.1. Definizzjoni ta' Entità Akkreditat għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*

Entità akkreditat għaċ-ċertifikazzjoni ta' vetturi *vintage* tfisser il-*Fédération Internationale des Véhicules Anciens* (FIVA) u/jew l-Awtorità Nazzjonali tal-FIVA (ANF) fil-pajjiż partikolari, jew kwalunkwe entità oħra approvata ekwivalenti għaċ-ċertifikazzjoni ta' vetturi *vintage* kif jista' jiġi nominat mill-Awtorità minn żmien għal żmien.

Il-FIVA (ANF) f'Malta hija l-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki (FMVA).

### 8.2. Oneru tal-prova

F'każ li l-kumitat għall-klassifikazzjoni tal-vetturi *vintage* jħoss li huwa meħtieġ kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, kjarifiki u/jew dokumentazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu fuq l-applikazzjoni, huwa għandu jitlob lill-applikant biex jagħti dik l-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni addizzjonali u biex jagħmel kwalunkwe kjarifika li tista' tintalab u mbagħad jipproċedi biex jiddetermina l-applikazzjoni billi jżommha jew jirrifjutaha. Għaldaqstant, l-oneru tal-prova tal-eliġibbiltà tal-vettura huwa fuq l-applikant.

### 8.3. Spezzjoni fiżika

L-Awtorità għandha d-dritt li tagħmel spezzjoni fiżika tal-vetturi kollha sottomessi mill-applikanti qabel l-approvazzjoni jew ir-rifjut ta' applikazzjoni biex vettura tiġi klassifikata bħala vettura awtentika *vintage*.

### 8.4. Applikazzjonijiet mhux kompluti

Applikazzjonijiet li ma jkollhomx id-dokumenti kollha meħtieġa, li jkunu nieqsa minn informazzjoni essenzjali, li jkunu qarrieqa, jew li jkollhom ritratti ta' kwalità baxxa u/jew nieqsa jistgħu jagħmlu l-applikazzjoni mhux eliġibbli u jistgħu jiġu miċħuda mill-Awtorità mingħajr ma jiġu pproċessati.

### 8.5. Riċertifikazzjoni tal-Vetturi

Il-vetturi kollha li huma ċċertifikati bħala vetturi awtentiċi *vintage* mill-kumitat għall-klassifikazzjoni tal-vetturi *vintage*, huma suġġetti għall-riċertifikazzjoni kull ħames (5) snin sabiex tiġi kkonfermata l-konformità kontinwa mal-kriterji *vintage* stabbiliti mill-Awtorità f'dak iż-żmien.

Vetturi li huma ċċertifikati bħala *vintage* u għandhom ħamsin (50) sena jew iktar ser ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' riċertifikazzjoni. Din tapplika bil-kundizzjoni li jiġi ppreżentat lill-Awtorità ċertifikat validu minn entità akkreditata għall-ċertifikazzjoni ta' vetturi *vintage*. Madankollu, il-formola ta' applikazzjoni VEH15B, flimkien mad-dokumenti elenkati fis-Sezzjoni E, xorta waħda għandhom jiġu sottomessi minkejja l-preżentazzjoni ta' tali ċertifikat.

L-applikazzjonijiet għar-riċertifikazzjoni ta' vetturi *vintage* għandhom jiġu sottomessi fuq il-applikazzjoni apposita mill-inqas tliet (3) xhur qabel l-iskadenza tal-liċenzja annwali taċ-ċirkolazzjoni.

### 8.6. Kundizzjonijiet

- Jekk wara l-ispezzjoni u/jew ir-riċertifikazzjoni, il-vettura tinsab li hija f'kundizzjoni kemm jista' jkun viċin tal-istat oriġinali kif ipproduċijha il-manifattur u li tirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vetturi *vintage*, allura l-vettura tiġi kkonfermata bħala vettura *vintage* awtentika.

- Jekk wara l-ispezzjoni u/jew ir-riċertifikazzjoni l-vettura **MA TINSTABX** f'kundizzjoni kemm jista' jkun viċin l-istat oriġinali kif ipproduċijha l-manifattur u ma tirrispettax l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vetturi *vintage*, il-vettura tiġi immedjatament skwalifikata mill-klassifikazzjoni *vintage*. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kategorija tal-vettura titbiddel għal waħda mhux *vintage* u jinħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid (logbook) għad-dritt amministrattiva ta' €10.00. Għandha titħallas ukoll il-liċenzja pro-rata tad-dritt annwali taċ-ċirkolazzjoni għal vetturi mhux vintage (jekk tkun applikabbli). Kwalunkwe differenza fit-taxxa tar-reġistrazzjoni għandha titħallas waqt il-bidla tal-kategorija. Ma jkunux jistgħu isiru tranżazzjonijiet sakemm il-pagamenti kollha pendenti jiġu mħallsa. Mat-tiġdid tal-liċenzja li jmiss, japplika d-dritt sħiħ tal-liċenzja annwali taċ-ċirkolazzjoni. Sid il-vettura jista' jagħżel li jerġa' japplika għaċ-ċertifikazzjoni tal-vettura tiegħu ladarba din tkun f'kundizzjoni xierqa. Il-pjanċi tal-vettura għandhom jinbidlu wkoll għal dawk normali bi sfond abjad u tipa sewda, għal dritt ta' ħlas ta' €35.00 għal kull pjanċa.

- Jekk l-ispezzjoni ma ssirx minħabba nuqqas tas-sid, il-kategorija tal-vettura tiġi immedjatament mibdula għal mhux *vintage*. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni (logbook) ġdid bi dritt amministrattiva ta' €10.00. Il-liċenzja pro-rata tad-dritt annwali taċ-ċirkolazzjoni għal vetturi mhux *vintage* (jekk tkun applikabbli) għandha titħallas. Kwalunkwe differenza fit-taxxa tar-reġistrazzjoni għandha titħallas waqt il-bidla tal-kategorija. Ma jkunux jistgħu isiru tranżazzjonijiet sakemm il-pagamenti kollha pendenti jiġu mħallsa. Mat-tiġdid tal-liċenzja li jmiss, japplika d-dritt sħiħ tal-liċenzja annwali taċ-ċirkolazzjoni. Il-pjanċi tal-vettura għandhom jinbidlu wkoll għal dawk normali bi sfond abjad u tipa sewda, għal dritt ta' ħlas ta' €35.00 għal kull pjanċa.

### 8.7. Dritt ta' Appell

Persuna li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni mogħtija mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* li jirrifjuta l-applikazzjoni tagħha għall-klassifikazzjoni tal-vettura bil-mutur tagħha bħala vettura *vintage* tista' tappella dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien wieħedu għoxrin (21) ġurnata mid-data li fiha dik id-deċiżjoni tiġi notifikata lilha. L-appellanti għandhom jipprovdu r-riċerka u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex isostnu t-talba tagħhom (KAP368, Artikolu 25(9)).

### 8.8. Offiżi u Penalitajiet

Kull min, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taħtha tista' tkun ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, jużа jew jippermetti l-użu ta' vettura *vintage* mhux għal użu privat ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

# POL19 – POLICY GUIDELINES USED FOR THE CLASSIFICATION OF VINTAGE VEHICLES

## 1. Introduction

The following policy procedures are intended to serve as guidelines to applicants applying for the classification of vintage vehicles, especially for foreign registered vehicles prior to coming into Malta. These guidelines are intended to genuine vintage vehicle owners to benefit from the vintage vehicle concession. The guidelines are partially inspired by the Technical Code (2025) of the *Fédération Internationale des Véhicules Anciens (FIVA)* that is the international body based in Turin responsible for vintage vehicles, and which is represented by the *Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki*.

Vintage vehicles are regulated by the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (CAP368) https://legislation.mt/eli/cap/368/eng and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (Subsidiary Legislation 368.02) https://legislation.mt/eli/sl/368.2/eng.

## 2. General Criteria

### 2.1. Eligibility

All genuine vintage vehicles of at least 30 years of age from their date of manufacture may become eligible for vintage status according to a set of criteria. This cut-off date is established by the Laws of Malta and may be subject to change. For the purpose of this concession, the words Classic, Historic, Vintage, Veteran and Period are understood to mean the same and are interchangeable.

### 2.2. Definition of Vintage Vehicle

Vintage Vehicle means an authentic and genuine vehicle with an age of thirty (30) years or more (to be reckoned from the date of manufacture), as certified by the Vintage Vehicle Classification Committee, which is kept in a state which is as close as possible to its original state as produced by the manufacturer and which respects the spirit of classic and vintage vehicle preservation.

### 2.3. Definition of Date of Manufacture

The date of manufacture counts from the date when the vehicle was produced. However, for locally registered vehicles, applications shall be submitted three months before the lapse of the expiry of the annual circulation licence.

### 2.4. Use of Vintage Vehicles

Vintage Vehicles shall be used solely and exclusively for private use, thus cannot be used for the carriage of goods and/or passengers for any activity for hire and/or reward and/or financial gain. Provided that, vintage vehicles may occasionally be used for purposes other than private use in one-off and exceptional activities and occasions for which no vehicle other than a vintage vehicle may be used. Provided further, that in order for vintage vehicles to be used for any purpose other than private use in such one-off and exceptional activities and occasions, the prior written authorisation of the Authority shall be obtained, which authorisation shall be given or withheld in the Authority's absolute discretion.

### 2.5. Mileage

In the event that, upon renewal of its circulation licence after having undergone a vehicle roadworthiness test, it results that a vintage vehicle has registered three-thousand kilometres (3,000km) or more on its odometer in one (1) year since the last renewal of its circulation licence, or an average of three-thousand kilometres (3,000km) or more per year with regard to such vehicles which undergo a vehicle roadworthiness test once every two (2) years, then in addition of the administrative fee of €8, the owner of the said vehicle shall also be obliged to pay the full annual circulation licence fee for such year or years during which the said vehicle had registered three-thousand kilometres (3,000km) or more on its odometer in one (1) year or an average of three-thousand kilometres (3,000km) or more per year with regards to such vehicles which undergo a vehicle roadworthiness test once every two (2) years.

Nevertheless, such vehicle shall not lose its status as a vintage vehicle and shall continue to pay solely the administration fee of €8 unless, upon renewal of the circulation licence, it results that the owner thereof shall also be obliged to pay the full annual circulation licence fee as a result of the fact that such vintage vehicle has registered three-thousand kilometres (3,000 km) or more in one (1) year or an average of three-thousand kilometres (3,000 km) or more per year if it is a vehicle which undergoes a road worthiness test once every two (2) years.

Motor vehicles with an age of fifty (50) years and over and motorcycles which have been classified as vintage by the Vintage Vehicle Classification Committee shall continue to be exempt from the payment of a circulation licence fee and shall only be subject to the payment of the administrative fee of €8 irrespective of any mileage considerations.

### 2.6. Vehicle Roadworthiness Test (VRT)

Motor vehicles intended for private use, which are fifty (50) years or more from the date of manufacture and which are classified as vintage vehicles by the Vintage Vehicle Classification Committee, shall be exempt from doing a VRT.

Provided that such vehicles shall be required to obtain a VRT certificate upon their initial classification and registration as vintage vehicles in Malta. Moreover, such vehicles shall also be maintained in a state of good repair by their respective owners.

The Authority reserves the right to inspect maintenance records and may revoke the exemption if such records are not adequately maintained or are not produced when requested.

### 2.7. Condition of Vehicle

Notwithstanding their age, vintage vehicles shall be kept in a condition that reflects the manufacturer’s intentions and respects the spirit of the concession namely, the preservation of genuine vintage vehicles. Applications for vehicles that are dirty and not kept in a good state or condition similar to period will not be certified. Moreover, vehicles already certified as vintage found to be in substandard condition will have their vintage status revoked.



These vehicles reflect and respect the spirit of the concession.

### 2.8. Modifications

Out-of-period modifications and other changes are not allowed. However, the Vintage Vehicle Classification Committee, may, without prejudice, consider modifications which are carried out according to manufacturer's specifications, or those by a recognised third-party's approved specifications. Modifications made in the spirit of the year in question and in such a manner that the vehicle can, if necessary, be converted back to its original condition are acceptable.

## 3. Technical Guidelines

### 3.1. Body and Chassis

No major modifications are allowed. No lengthening or shortening of the body or chassis except in line with factory specifications. The vehicle must appear exactly as a similar model left the factory and/or factory approved modifier and must reflect the year in question, save for the exceptions mentioned below.

